

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Settembru 2015 – Is-Slovenja vs Il-Kummissjoni(Kawża T-585/14) ⁽¹⁾

(“Rikors għal annullament — Riżorsi proprji tal-Unjoni — Responsabbiltà finanzjarja tal-Istati Membri — Obbligu li l-Kummissjoni titħallas l-ammont li jikkorrispondi għat-telf ta' riżorsi proprji — Ittra tal-Kummissjoni — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Inammissibbiltà”)

(2015/C 381/35)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika tas-Slovenja (rappreżentant: L. Bembič, aġent)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Ondrůšek, M. Wasmeier u M. Žebre, aġenti)

Suġġett

Talba għal annullament tal-allegata deċiżjoni tad-Direttorat Ġenerali tal-baġit tal-Kummissjoni li tinsab fl-ittra BUDG/B/03MV D (2014) 1782918, tat-2 ta' Ġunju 2014, li permezz tagħha din tal-aħħar ikkonstatat, minn naħa, li r-Repubblika tal-Slovenja hija finanzjarment responsabbli għat-telf ta' riżorsi proprji tradizzjonali għall-baġit tal-Unjoni Ewropea fil-waqt tal-ħruġ taċ-ċertifikat ta' importazzjoni taz-zokkor għas-sena 2011 u, min-naħa l-oħra, li dan l-Istat Membru kellu jpoġġi għad-dispożizzjoni tal-baġit tal-Unjoni ammont ekwivalenti għat-telf tar-riżorsi proprji tradizzjonali

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talbiet għal intervent tar-Repubblika Portugiża u tar-Renju ta' Spanja.
- 3) Ir-Repubblika tas-Slovenja hija kkundannata tbatu l-ispejjeż tagħha flimkien ma' dawk tal-Kummissjoni Ewropea.
- 4) Ir-Repubblika tas-Slovenja, il-Kummissjoni, ir-Repubblika Portugiża u r-Renju ta' Spanja għandhom ibatu kull wieħed, l-ispejjeż rispettivi tagħhom relatati mat-talbiet għal intervent.

⁽¹⁾ ĠU C 372, 20.10.2014.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Settembru 2015 – Bionorica vs Il-Kummissjoni(Kawża T-619/14) ⁽¹⁾

[“Rikors għal nuqqas li ttieħed azzjoni u għal annullament — Protezzjoni tal-konsumaturi — Indikazzjonijiet dwar is-saħħa mogħtija fuq l-ikel — Regolament (KE) Nru 1924/2006 — Sustanzi botaniċi — Terminu għall-preżentata ta' rikors — Nuqqas ta' interess ġuridiku — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Inammissibbiltà”]

(2015/C 381/36)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Bionorica SE (Neumark, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Weidner, T. Guttau u N. Hußmann, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Wilderspin u S. Grünheid, aġenti)

Suġġett

Talba li jiġi kkonstatat in-nuqqas li ttieħed azzjoni mill-Kummissjoni sa fejn illegalment astjeniet milli tordna lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) sabiex tevalwa l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa dwar is-sustanzi botaniċi bħala kundizzjoni minn qabel għall-adozzjoni tal-lista definittiva ta' indikazzjonijiet awtorizzati konformement mal-Artikolu 13 (3) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Diċembru 2006, dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel (ĠU L 404, p. 9).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Bionorica SE hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 409, 17.11.2014.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Settembru 2015 – Diapharm vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-620/14) ⁽¹⁾

[“Rikors għal nuqqas li ttieħed azzjoni u għal annullament — Protezzjoni tal-konsumaturi — Indikazzjonijiet dwar is-saħħa mogħtija fuq l-ikel — Regolament (KE) Nru 1924/2006 — Sustanzi botaniċi — Terminu għall-preżentata ta' rikors — Nuqqas ta' interess ġuridiku — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Inammissibbiltà”]

(2015/C 381/37)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Diapharm GmbH & Co. KG (Münster, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Weidner, N. Hußmann u T. Guttau, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Wilderspin u S. Grünheid, aġenti)

Suġġett

Talba li jiġi kkonstatat in-nuqqas li ttieħed azzjoni mill-Kummissjoni sa fejn illegalment astjeniet milli tordna lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) sabiex tevalwa l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa dwar is-sustanzi botaniċi bħala kundizzjoni minn qabel għall-adozzjoni tal-lista definittiva ta' indikazzjonijiet awtorizzati konformement mal-Artikolu 13 (3) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Diċembru 2006, dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel (ĠU L 404, p. 9).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Diapharm GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 409, 17.11.2014.